Minuti tal-Laqgħa Nru. 29 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 27 ta' Awissu 2009 fis-2.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport Finanzjarju April/Ġunju 2009
5. Mozzjonijiet
6. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 li ġew emendati fuq talba tas-Sur Victor Caruana li qal li f'para 6.2 titneħħa s-sentenza li "huwa ma jaqbilx li x-xogħol isir minnhom (Polidano Bros)" u minflok tiġi tinqara "li huwa ma jaqbilx mal-kwalita tax-xogħol li sar mill-kuntrattur fi Triq il-Karmnu."

1.2 Wara li saru dawn l-emendi, il-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Camilleri ssekondat mis-Sur Joseph Scicluna.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sas-27 ta' Awissu 2009, fosthom;

a) Ittra mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Kommunita' dwar nominazzjonijiet għall-Premju ''Anzjan tas-Sena 2009''. L-applikazzjonijiet jagħlqu fis-9 ta' Settembru 2009.

*b)* Ittra mill-MEUSAC dwar l-attivita' ''L-Ewropa fil-Pjazza'' li se tittella' ġewwa Ħal Luqa fl-14 ta' Settembru 2009 mill-Kummissjoni Ewropeja f'Malta u l-MEUSAC stess.

c) Ittra mis-Segretarju Parlamentari għat-Turizmu, l-Onor. Dr. Mario de Marco li tistieden lill-Kunsilli Lokali u lill-pubbliku sabiex jipparteċipaw fl-attivita' ''Il-Ġimgħa tal-Bnadar'' li se ssir bejn it-8 u l-15 ta' Settembru 2009.

d) Ittra mill-MEUSAC li tistieden kunsillieri għal Seminar li se jsir fid-9 ta' Settembru 2009 dwar "It-Tibdil fil-Klima". Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex min irid jattendi, jagħti ismu.

e) Memo 48/2009 mid-DGL dwar fondi speċjali dwar proġetti jew inizjattivi li jitwettqu fil-lokalita'. L-applikazzjonijiet jagħlqu fil-15 ta' Settembru 2009.

ei) Dwar dawn il-fondi speċjali s-Sindku qal li s-Sotto Kumitat tal-Kultura diġa ħejja rapport bi proposti u inizjattivi li jistgħu jittieħdu. Dawn jinkludu l-Monument tal-Gwerra, is-Salib ta' Triq il-Gudja, il-Menħir u Dawret il-Gudja. Il-Kunsill qabel ma' dan ir-rapport.

eii) Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sur Victor Caruana sabiex f'dan ir-rapport tiddaħħal ukoll biex issir in-Niċċa fi Triq Mons. Gużeppi Debono..

eiii) Wara dawn is-suġġerimenti s-Sindku stieden lis-Sur Caruana sabiex iġib stima tax-xogħlijiet involuti fuq ir-restawrazzjoni tan-Niċċa u tas-Salib ta' Triq il-Gudja.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU APRIL/ĠUNJU 2009

4.1 Fl-introduzzjoni tiegħu għal dan l-item, is-Sindku stieden lill-Kunsillieri jagħmlu d-domandi u l-kummenti tagħhom fuq ir-rapport finanzjarju li kien twassal lilhom minn jiem qabel flimkien ma' l-aġenda.

4.2 Peress li kummenti u domandi ma kien hemm, is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni. Ir-Rapport Finanzjarju għall-perijodu ta' April/Ġunju 2009 ġie approvat unanimament.

## 5. MOZZJONIJIET

5.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u sseskondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li: ''**Fid-dawl tad-deċiżjoni meħuda mill-MEPA fit-30 ta' Lulju 2009 dwar l-Applikazzjoni PA 0212/09 li taħseb għall-iżvilupp ta' faċilitajiet għall-ħażna u ċentru għat-tqassim ta' ċilindri tal-gass f'sit li jinsab fi Triq Valletta, Luqa, il-Kunsill Lokali Luqa jingħaqad mal-poplu tal-lokalita' tiegħu sabiex jipprotesta kontra din id-deċiżjoni li permezz tagħha tpoġġi saħħet u ħajjet iċ-ċittadini f'qagħda ta' periklu kontinwu.**

**Għaldastant, il-Kunsill Lokali Luqa jappella lill-awtoritajiet tal-MEPA sabiex jikkonsidraw mill-ġdid id-deċiżjoni tagħhom u jinstab sit adekwat 'il bogħod miż-żoni urbani u anke industrijali għat-twettieq ta' dan il-proġett.** ''

5.2 Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li sinċerament għadu qed jistenna xi ''feedback'' mingħand il-Kunsillier Frank Psaila. Dan għaliex il-Kunsillier Psaila kien ġie mitlub mis-Sindku biex jattendi laqgħa tal-MEPA li fit-30 ta' Lulju 2009 iddiskutiet l-Applikazzjoni PA 0212/09. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsillier Frank Psaila ġie mitlub ukoll li jekk ma jistax jattendi għal dik il-laqgħa jinforma minnufih lis-Sindku ħalli jagħmel arranġament biex jattendi xi ħadd ieħor.

5.3 Dr Frank Psaila qal li veru li ma attendiex u li veru ma kienx informa lis-Sindku b'dan. Żied igħid li din l-applikazzjoni qatt ma ġiet quddiem il-Kunsill fejn allura setgħet issir diskussjoni fuqha u anke tittieħed linja dwarha.

5.4 Is-Sur Victor Caruana ppropona li peress li qatt qabel ma ntbagħtet din l-applikazzjoni lill-Kunsill għall-kummenti tiegħu, u peress li l-MEPA taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Prim Ministru, għandha tintbagħat ittra lill-Prim Ministru f 'dan is-sens. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sur Caruana

**6. Ħlasijiet**

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-27 ta' Awissu 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.2 F'dan l-istadju s-Sur Joseph Piscopo ġibed l-attenzjoni li f'xi listi ta' pagamenti passati hemm xi differenzi fl-ammont globali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan seta' ġara minħabba li jkunu daħlu xi pagamenti li jidħlu wara li tkun ġiet approvata l-lista ta' pagamenti. Is-Sur Piscopo talab biex dawn it-tiip ta' pagamenti jiddaħħlu fil-lista tal-laqqgħa li jkun imiss.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fit-3.30p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 28 ta' Settembru 2009.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |